

**Linji Gwida tal-ABE
dwar
l-Imposta fuq Riskji Inkrimentali ta'
Inadempjenza u Migrazzjoni (IRC)
ABE/GL/2012/3**

Londra, 16.05.2012

L-Istatus ta' dawn il-Linji Gwida

1. Dan id-dokument fih linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE ('ir-Regolament tal-ABE'). Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-ABE, l-awtoritajiet kompetenti u l-parteċipanti tas-suq finanzjarju għandhom jagħmlu kull sforz biex ikunu konformi mal-linji gwida.

2. Il-Linji Gwida jstabilixxu l-fehma tal-ABE dwar prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea tas-Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. Għalhekk l-ABE tistenna li l-awtoritajiet kompetenti u l-parteċipanti tas-suq finanzjarju kollha li lilhom il-linji gwida huma indirizzati jikkonformaw. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali jew ir-regoli superviżorji u/jew il-proċessi superviżorji jew ta' gwida tagħhom), inkluż fejn linji gwida partikolari huma indirizzati prinċipalment lejn l-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti ta' Notifika

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-ABE, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-ABE dwar jekk humiex konformi jew jekk humiex bi ħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella dwar ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sas-16.07.2012. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din id-data ta' skadenza, l-ABE tikkunsidra l-awtoritajiet kompetenti bħala mhux konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi l-formola pprovduta fis-Sezzjoni V tiġi sottomessa lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza 'EBA/GL/2012/3'. In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom.

4. In-notifika tal-awtoritajiet kompetenti msemija fil-paragrafu preċedenti għandha tiġi ppublikata fis-sit tal-ABE, skont l-artikolu 16 tar-Regolament tal-ABE.

Werrej

Linji Gwida tal-ABE dwar l-Imposta fuq Riskji Inkriminali ta' Inadempjenza u Migrazzjoni (IRC)	1
Titolu I - Suġġett, Kamp ta' applikazzjoni u Definizzjonijiet.....	4
1. Suġġett.....	4
2. Ambitu istituzzjonali u livell ta' applikazzjoni.....	4
3. Definizzjonijiet	4
Titolu II – Rekwiżiti rigward l-immudellar tal-IRC tal-istituzzjonijiet.....	4
A. Ambitu materjali ta' applikazzjoni	4
4. Pożizzjonijiet soġġetti għall-kalkolu tal-IRC.....	4
5. Pożizzjonijiet li mhumiex soġġetti għall-kalkolu tal-IRC	6
6. Pożizzjonijiet ta' ekwità u derivati ta' ekwità	6
7. Pożizzjonijiet fid-dejn proprju tal-istituzzjoni.....	6
8. Użu parzjali permanenti	7
B. Immudellar Individwali	7
9. Standard ta' solidità komparabbli mal-IRB	7
10. Kriterji kwalitattivi	7
11. Sors ta' klassifikazzjonijiet.....	7
12. Sors ta' PDs u ta' LGDs.....	8
C. Interdipendenza	8
13. Korrelazzjonijiet bejn avvenimenti ta' inadempjenza u ta' migrazzjoni	8
14. Suppożizzjonijiet kopula	9
15. Fatturi ta' riskju sistemiku	9
16. Il-konċentrazzjoni tal-Portafoll	9
17. Matriċijiet ta' migrazzjoni.....	10
18. Livell kostanti ta' suppożizzjoni tar-riskju matul l-orizzont ta' kapital ta' sena ..	11
19. Hedging	12
D. Valutazzjoni tal-Qliġ u t-Telf (P&L)	12
20. L-Impatt tal-bidla fil-klassifikazzjoni fuq il-prezzijiet tas-suq	12
21. Il-Komputazzjoni tal-Qliġ u t-Telf.....	13
E. Orizzont ta' likwidità	14
22. Il-livell li fih għandhom ikunu ddefiniti l-orizzonti ta' likwidità	14
23. Kriterji ewlenin għad-determinazzjoni tal-orizzont rilevanti ta' likwidità	14
24. Il-monitoraġġ tal-orizzonti ta' likwidità – indikaturi ewlenin tal-ħtieġa ta' reviżjoni.....	15
F. Kwistjonijiet ġenerali	16
25. Validazzjoni	16
26. Test tal-Użu	17
27. Dokumentazzjoni.....	17
28. Approċċi tal-IRC ibbażati fuq parametri differenti.....	17
29. Frekwenza tal-kalkolu	18
Titolu III – Dispożizzjonijiet Finali u Implimentazzjoni.....	18
30. Data tal-applikazzjoni.....	18

Titolu I - Suġġett, Kamp ta' applikazzjoni u Definizzjonijiet

1. Suġġett

Dawn il-linji gwida għandhom l-għan li jiksibu fehim komuni fost l-awtoritajiet kompetenti fl-UE kollha dwar l-immudellar tal-IRC sabiex jikkontribwixxu għal kundizzjonijiet ekwi skont l-Anness V għad-Direttiva 2006/49/KE, kif emendat bid-Direttiva 2010/76/UE.

2. Ambitu istituzzjonali u livell ta' applikazzjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeħtieġu li l-istituzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 hawn taħt ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dawn il-Linji Gwida dwar l-IRC.

2. Dawn il-Linji Gwida għandhom japplikaw għall-istituzzjonijiet li jużaw Approċċ ta' Mudell Intern (IMA) għall-finijiet tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital għal riskju speċifiku tal-imgħax fil-ktieb tal-kummerċ.

3. Il-linji gwida japplikaw għal istituzzjonijiet fil-livell (uniku u/jew ikkonsolidat) li fuqu l-mudell intern rilevanti huwa awtorizzat li jintuża mill-awtorità kompetenti rilevanti, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor f'dawn il-Linji Gwida.

3. Definizzjonijiet

F'dawn il-linji gwida għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- a. It-terminu *istituzzjonijiet* għandu jfisser istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investment kif stabbilit fid-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE.
- b. It-terminu *użu parzjali permanenti* fil-punt 8 ta' dawn il-Linji Gwida, għandu jfisser li ċerti pożizzjonijiet, li huma esklużi mir-riskju speċifiku tal-VaR u mill-applikazzjoni tal-IRC, abbażi tal-Anness V, punt 6 tad-Direttiva 2006/49/KE, huma soġġetti għall-approċċ standardizzat għal riskju speċifiku tar-rata tal-imgħax.

Titolu II – Rekwiżiti rigward l-immudellar tal-IRC tal-istituzzjonijiet

A. Ambitu materjali ta' applikazzjoni

4. Pożizzjonijiet soġġetti għall-kalkolu tal-IRC

1. Il-kalkolu tal-IRC għandu jinkludi l-pożizzjonijiet twal u qosra kollha soġġetti għal ħlas immudellat għal riskju speċifiku tar-rata tal-imgħax, bl-eċċezzjoni ta' dawk il-punti msemmija fil-punt 5 hawn taħt.

2. B'mod partikolari, għandhom ikunu inklużi l-pożizzjonijiet li ġejjin, jekk jagħmlu parti mill-ktieb tal-kummerċ:
 - i. bonds maħruġa mill-gvernijiet ċentrali ("sovrani"), anki f'każijiet fejn l-applikazzjoni tal-approċċ standardizzat tirriżulta f'imposta tar-riskju ta' 0 % għal riskju speċifiku tar-rata tal-imgħax;
 - ii. bonds strutturati, noti marbuta ma' kreditu jew strumenti simili ta' dejn jekk ma jinkorporawx skoperturi għal titolizzazzjonijiet jew derivati ta' kreditu n-th-to-default;
 - iii. self tas-suq tal-flus.
3. Pożizzjonijiet li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-approċċ ta' trasparenza għall-ishma f'impriżi ta' investiment kollettiv (CIUs), fejn pożizzjonijiet bħal dawn, jekk kienu direttament jappartjenu għall-ktieb tal-kummerċ, jiġu inklużi fil-kalkolu tal-IRC skont il-punt 4.1 hawn fuq, għandhom jiġu inklużi ukoll. Meta l-applikazzjoni tal-approċċ ta' trasparenza għall-ishma tas-CIUs ma tkunx possibbli, għandu jintuża l-approċċ standardizzat.
4. Il-pożizzjonijiet li ġejjin mhumiex ikkunsidrati titolizzazzjonijiet u għalhekk għandhom jiġu inklużi fil-kalkolu tal-IRC, jekk jagħmlu parti mill-ktieb tal-kummerċ:
 - a. bonds koperti (eż. 'Pfandbriefe') peress li bonds bħal dawn huma sempliċement kollateralizzati u mhux iggarantiti b'assi;
 - b. titoli ggarantiti b'assi li ma jissodisfawx id-definizzjoni ta' 'pożizzjoni ta' titolizzazzjoni' fl-Artikolu 3(1)(f) tad-Direttiva 2006/49/KE, li jirreferi għall-Artikolu 4(36) tad-Direttiva 2006/48/KE. Pereżempju fejn flussi ta' flus mill-fond sottostanti jiġu allokati lil detenturi ta' titoli fuq bażi pro-rata u għalhekk m'għandhom l-ebda segment (eż. MBS *pass-through*).
5. Pożizzjonijiet f'dejn inadempjenti miżmuma fil-ktieb tal-kummerċ għandhom, meta jkunu materjali, jiġu inklużi fil-kalkolu tal-IRC. F'dan il-każ, jistgħu jiġu esklużi mill-element ta' migrazzjoni tal-IRC jekk, minħabba l-qafas speċifiku tal-mudell tal-istituzzjoni, il-pożizzjonijiet inadempjenti ma jkollhom l-ebda riskju ta' migrazzjoni (pereżempju jekk l-inadempjenza tiġi mmudellata bħala stat li jassorbi). Fejn dawn il-pożizzjonijiet jiġu esklużi għal raġunijiet ta' materjalità, l-istituzzjoni għandha tkun kapaċi turi li mhumiex materjali. Fi kwalunkwe każ, kull riskju materjali ta' tibdil fil-prezz ta' dejn inadempjenti, iddeterminat minn riżultati inċerti ta' rkupru, għandu jiġi kkapitalizzat.
6. Id-definizzjoni ta' inadempjenza fil-każ tal-paragrafu 5 hawn fuq, għandha tkun konsistenti mad-definizzjoni ta' inadempjenza fi klassifikazzjonijiet użati għal skopijiet ta' immudellar.

5. Pożizzjonijiet li mhumiex soġġetti għall-kalkolu tal-IRC

Il-punti li ġejjin għandhom jiġu esklużi mill-kalkolu tal-IRC:

- a. titolizzazzjonijiet;
- b. derivati ta' kreditu n-th-to-default; u
- c. pożizzjonijiet soġġetti għall-imposta għar-riskju speċifiku tar-rata tal-imgħax u differenti minn titolizzazzjonijiet jew derivati ta' kreditu n-th-to-default jekk huma pożizzjonijiet tal-portafoll kummerċjali ta' korrelazzjoni (CTP).

6. Pożizzjonijiet ta' ekwità u derivati ta' ekwità

1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu l-inklużjoni fl-IRC ta' pożizzjonijiet ta' ekwità elenkata u pożizzjonijiet ta' derivati bbażati fuq ekwità elenkata soġġetta għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

- i. il-pożizzjonijiet relatati fi strumenti ta' ekwità u ta' kreditu huma ġestiti b'mod konġunt minn unità kummerċjali identifikata (eż. arbitraġġ bejn bonds konvertibbli u ekwità);
- ii. l-unità kummerċjali rilevanti għandha proċeduri għall-kejl u l-ġestjoni ta' kreditu konġunt u riskju ta' ekwità stabbiliti; u
- iii. il-pożizzjonijiet kollha ta' ekwità tal-unità kummerċjali rilevanti ġew inklużi, sabiex jiġi evitat li jintgħażlu ċerti pożizzjonijiet biss (*cherry-picking*).

2. Jekk ekwità elenkata jew strument derivattiv ibbażat fuq l-ekwità elenkata jiġi inkluż fil-komputazzjoni tal-miżura IRC, l-inadempjenza ta' kwalunkwe wieħed minn dawn l-istrumenti hija meqjusa li ssejtn jekk id-dejn relatat isir inadempjenti.

3. Minkejja l-inklużjoni fl-IRC ta' pożizzjonijiet f'ekwità elenkata jew fi strumenti derivattivi bbażati fuq ekwità elenkata, l-imposta ta' kapital għal riskju speċifiku għal dawn il-pożizzjonijiet – li tkopri riskju ta' avvenimenti fil-każ tal-użu ta' mudell intern – għandha xorta tiġi kkalkolata.

7. Pożizzjonijiet fid-dejn proprju tal-istituzzjoni

1. Pożizzjonijiet twal fid-dejn proprju tal-istituzzjoni, li jistgħu joħorġu minn negozjar jew attività ta' ġenerazzjoni tas-suq fil-bonds proprji, għandhom jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mudell IRC imma r-riskju ta' migrazzjoni biss għandu jitqies għall-kalkolu tal-imposta.

2. Pożizzjonijiet qosra fid-dejn proprju tal-istituzzjoni, li jistgħu jinqalgħu mill-inklużjoni fil-ktieb tal-kummerċ ta' kwistjonijiet ta' dejn proprju (eż. bonds

strutturati jew negozjar fis-suq tal-flus) jew mix-xiri ta' protezzjoni f'isem l-istituzzjoni stess (eż. permezz ta' indiċi) għandhom jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mudell tal-IRC iżda r-riskju ta' migrazzjoni biss għandu jitqies għall-kalkolu tal-imposta. Ir-riskju ta' inadempjenza ta' pożizzjonijiet qosra f'dejn proprju m'għandux jiġi mmudellat fuq l-approċċ IRC.

8. Użu parzjali permanenti

1. Fejn isir użu mid-dispożizzjonijiet tas-CRD dwar l-użu parzjali permanenti, ir-raġuni għal dan għandha tiġi ddokumentata u analizzata bir-reqqa sabiex turi li mhijiex maħsuba biex twassal imposta li hija anqas konservattiva milli kieku l-pożizzjonijiet kollha kienu fir-riskju speċifiku tal-VaR u tal-mudell tal-IRC.

2. L-użu parzjali permanenti tal-IRC m'għandux japplika għal bonds sovrani u prodotti derivattivi li jirreferu għal bonds sovrani peress li – minn prospettiva ta' immudellar – l-inklużjoni ta' dawn il-pożizzjonijiet fil-mudell tar-riskju speċifiku u konsegwentement fil-qafas tal-IRC mhijiex ikkunsidrata bħala ta' sfida partikolari.

B. Immudellar Individwali

9. Standard ta' solidità komparabbli mal-IRB

Sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor f'dawn il-linji gwida, l-istandard ta' solidità komparabbli mal-IRB applikabbli għal IRC huwa: orizzont ta' kapital ta' sena u intervall ta' fiduċja ta' 99.9 %.

10. Kriterji kwalitattivi

L-aspetti kollha tal-approċċ IRC applikati għandhom jiġu ddokumentati bir-reqqa. Dan jinkludi dokumentazzjoni ta' kwalunwe analiżi magħmula sabiex timmotiva s-suppożizzjonijiet, tekniki ta' stima, prokuri, jew simplifikazzjonijiet. Kwalunkwe deċiżjoni bħal din għandha tiġi ġġustifikata fuq talba tal-awtorità kompetenti.

11. Sors ta' klassifikazzjonijiet

1. L-approċċi IRC tal-istituzzjonijiet jistgħu jiddependu jew minn klassifikazzjonijiet interni jew esterni. Il-klassifikazzjonijiet interni użati għall-finijiet tal-IRC għandhom ikunu konsistenti ma' kif dawn jiġu derivati fl-approċċ IRB.

2. L-istituzzjonijiet għandu jkollhom proċeduri fis-seħħ għad-deduzzjoni ta' klassifikazzjoni għal pożizzjonijiet mhux ikklassifikati. Meta jkun hemm disponibbli firxiet tal-kreditu, l-użu tagħhom għad-deduzzjoni tal-klassifikazzjoni għandu jkun iddokumentat b'mod ċar. Bl-istess mod, l-użu ta' klassifikazzjoni ta' inadempjenza (jiġifieri klassifikazzjoni ta' riżerva għal pożizzjonijiet fejn ma tista' tintuża l-ebda

data osservabbli biex tiġi dedotta klassifikazzjoni) għandu jiġi ddokumentat. Kwalunkwe sistema ta' klassifikazzjoni applikata għandha, sa fejn huwa possibbli, tiddistingwi bejn gruppi ta' pożizzjonijiet rilevanti.

3. Istituzzjoni għandu jkollha ġerarkija dokumentata stabbilita ta' sorsi ta' klassifikazzjonijiet biex tiddetermina l-klassifikazzjoni ta' pożizzjoni individwali. Jekk istituzzjoni tuża sorsi differenti ta' klassifikazzjonijiet (eż. klassifikazzjonijiet interni u esterni jew stimi ta' aġenziji ta' klassifikazzjoni esterni differenti), għandha tiddokumenta l-klassifikazzjonijiet b'mod konsistenti f'Masterscale komuni.

12. Sors ta' PDs u ta' LGDs

1. Fejn istituzzjoni għandha estimi approvati tal-PD jew tal-PD u tal-LGD, estimi bħala parti mill-approċċ ibbażat fuq klassifikazzjonijiet interni (IRBA) stabbiliti fl-Artikolu 84 tad-Direttiva 2006/48/KE, din id-data tista' tintuża ukoll bħala sors sabiex jinkisbu l-estimi tal-PD u tal-LGD għall-finijiet tal-IRC.

2. Fejn, fil-każijiet tal-aħħar, istituzzjoni ma jkollhiex PDs tal-IRB u/jew LGDs approvati jew fejn ma jeżistux PDs tal-IRB u/jew l-LGDs għal emittent jew titolu fil-ktieb tal-kummerċ, dawn għandhom jinħadmu permezz ta' metodoloġija konsistenti mal-metodoloġija tal-IRB, li mbagħad tkun teħtieġ approvazzjoni separata mill-awtorità kompetenti għall-użu fl-IRC.

3. PDs newtrali għar-riskju m'għandhomx ikunu aċċettabbli bħala estimi tal-PDs osservati (storiċi) għall-immudellar tal-migrazzjoni tal-klassifikazzjoni jew tal-inadempjenza. Jekk jintużaw PDs implikati mill-prezzijiet tas-suq, l-istituzzjoni għandha tagħmel il-korrezzjonijiet rilevanti biex tikseb il-probabbiltà ta' kejl reali minn probabbiltajiet newtrali għar-riskju, u għandha tqabbel ir-riżultati tal-metodoloġija tagħha mar-rekords storiċi.

4. Alternattivament, l-istituzzjonijiet jistgħu ukoll jagħmlu użu minn PDs u LGDs minn sorsi esterni (eż. aġenziji ta' klassifikazzjoni), peress li dawn ġeneralment jitqiesu adegwati.

5. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu ġerarkija li tikklassifika s-sorsi preferiti tagħhom għall-PDs u l-LGDs tagħhom, sabiex jiġi evitat li jintgħażlu ċerti partijiet biss mill-parametri (*cherry-picking*).

C. Interdipendenza

13. Korrelazzjonijiet bejn avvenimenti ta' inadempjenza u ta' migrazzjoni

Il-mudelli tal-IRC tal-istituzzjonijiet għandhom jinkludu l-impatt ta' korrelazzjonijiet bejn avvenimenti ta' inadempjenza jew ta' migrazzjoni b'mod konsistenti mal-għan

tagħhom, li huwa dak li jkopru korrelazzjonijiet ta' riskju ta' kreditu bejn emittenti differenti. Is-suppożizzjonijiet li fuqhom l-istima tagħhom hija bbażata għandhom ikunu konsistenti mas-suppożizzjonijiet użati fis-simulazzjoni. Il-metodoloġija għandha tkun iddokumentata u ġġustifikata kif xieraq. L-approċċ għandu jkun adegwat u konservattiv biżżejjed sabiex ikopri l-interdipendenza bejn il-motivaturi tar-riskju ta' avvenimenti ta' riskju ta' kreditu bħal inadempjenzi u migrazzjonijiet. Dan ikun jinkludi, pereżempju, l-obbligu li, jekk l-istituzzjonijiet jagħżlu li jistmaw il-parametri ta' korrelazzjoni tagħhom mill-prezzijiet ta' titoli negozjati, l-estimi għandhom jiġu aġġornati b'mod frekwenti.

14. Suppożizzjonijiet kopula

Għall-finijiet tad-deskrizzjoni tas-suppożizzjonijiet tagħha fuq l-interdipendenza bejn fatturi ta' riskju, istituzzjoni tista' tagħżel kandidati kopula possibbli skont il-kapaċità tagħha li tispjega gruppi ta' inadempjenza jew ta' migrazzjoni għal telf storiku. L-għażla ta' kopula partikolari għandha tiġi ġġustifikata u ddokumentata.

15. Fatturi ta' riskju sistemiku

1. Għalkemm l-interdipendenza bejn l-emittenti hija spiss immudellata b'mod simili għall-qafas regolatorju tal-IRB, bl-użu ta' kombinazzjoni ta' fatturi idjosinkratiċi (jiġifieri individwali) u fattur ta' riskju sistemiku wieħed jew aktar, l-ebda approċċ ta' immudellar ma ġie preskritt permezz ta' dawn il-Linji Gwida, sakemm istituzzjoni tissodifa r-rekwiżiti kwalitattivi u ta' validazzjoni rilevanti kollha sabiex tiżgura li l-approċċ tagħha huwa konservattiv biżżejjed.

2. Jekk il-mudell jassumi orizzonti differenti ta' likwidità, l-evoluzzjoni ta' fatturi ta' riskju sistemiku għandha tkun konsistenti u kompatibbli f'dawn l-orizzonti differenti ta' likwidità.

3. Il-korrelazzjoni bejn fattur(i) ta' riskju sistemiku u l-proċess tal-kapaċità tal-emittent individwali li jħallas' tista' tkun diffiċli li tiġi stmata minħabba li mhumiex direttament osservabbli. Kwalunkwe teknika ta' stima bbażata direttament jew indirettament fuq data osservabbli tas-suq (bħal fil-każ ta' ekwità elenkata) għandha tiġi ġġustifikata u ddokumentata kif suppost.

4. Fejn istituzzjoni tagħżel formula parametrika li tassumi fatturi multipli ta' riskju sistemiku, u b'hekk tirrifletti aħjar il-konċentrazzjoni industrijali jew reġjonali milli meta tassumi fattur uniku ta' riskju sistemiku, l-għażla tal-formula parametrika għandha tiġi analizzata u vvalidata, pereżempju billi tqabbel ir-riżultati tal-mudell attwali mar-riżultat ta' verżjoni mmodifikata tal-istess mudell li tuża l-formula tal-IRB u fejn il-fatturi kollha ta' riskju sistemiku jkunu perfettament korrelati.

16. Il-konċentrazzjoni tal-Portafoll

1. Il-mudelli tal-IRC tal-istituzzjonijiet għandhom jirriflettu l-konċentrazzjonijiet tal-emittenti, li, pereżempju, jistgħu joħorġu minn nuqqas ta' diversifikazzjoni reġjonali jew industrijali jew minn esponimenti kbar għal emittenti individwali jew konnessi. L-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu evidenza tal-kopertura totali xierqa tar-riskji ta' konċentrazzjoni tal-emittenti fl-IRC. Għal dan il-għan, l-istituzzjonijiet għandhom jivvalidaw u jiddokumentaw sew, imma mhux biss, li r-risultat tal-mudell tal-IRC jiżdied skont il-livell ta' konċentrazzjoni tal-portafoll tagħhom.

2. Istituzzjoni għandha speċifikament tipprowa li l-approċċ tagħha jkopri l-konċentrazzjonijiet tal-portafoll b'mod xieraq.

17. Matriċijiet ta' migrazzjoni

1. Il-matriċijiet ta' transizzjoni għall-immudellar tal-proċess tal-migrazzjoni ta' klassifikazzjoni għandhom ikunu bbażati fuq data storika ta' migrazzjoni bl-użu ta' sorsi esterni (jiġifieri aġenziji ta' klassifikazzjoni) jew ta' sorsi interni. Matriċijiet minn sorsi esterni għandhom ikunu ppreferuti f'każijiet fejn data storika interna tkun skarsa. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-ammont ta' data storika hija biżżejjed sabiex jinkisbu estimi robusti, preċiżi u statistikament konsistenti. L-istituzzjonijiet għandhom jivvalidaw ir-robustezza ta' matriċijiet ta' transizzjoni b'mod partikolari fir-rigward ta' kategoriji oġġla ta' klassifikazzjoni, fejn ftit degradazzjonijiet gravi jew inadempjenzi jistgħu jaffetwaw il-frekwenza tal-migrazzjoni b'mod sinifikanti. Skont ir-rekwiżit għal 'standard ta' solidità komparabbli mal-IRB' li tistabbilixxi s-CRD, jeħtieġ perjodu minimu ta' osservazzjoni storika ta' 5 snin.

2. Jistgħu jiġu applikati matriċijiet separati ta' transizzjoni għal gruppi speċifiċi ta' emittenti u għal żoni ġeografiċi speċifiċi. Skont (i) il-kompożizzjoni tal-portafoll tal-istituzzjonijiet, (ii) id-disponibbiltà ta' matriċijiet preċiżi ta' transizzjoni u (iii) differenzi possibbli fil-karatteristiċi ta' migrazzjoni fost il-prodotti, emittenti u/jew żoni ġeografiċi, għandha tittieħed deċiżjoni bilanċjata dwar is-sett ta' matriċijiet ta' transizzjoni użat. Deċiżjoni bħal din għandha tikkunsidra (i) l-għażla tas-sors (intern jew estern) flimkien ma' analiżi tal-koinċidenza u/jew tad-diskrepanza possibbli bejn il-portafoll tal-istituzzjonijiet u l-assi sottostanti għall-matriċi tat-transizzjoni; (ii) il-motivazzjoni għal kwalunkwe skema ta' ippeżar (anki għall-użu ta' piżijiet ugwali); u (iii) id-daqs tal-perjodu storiku. L-istituzzjonijiet għandhom jiżviluppaw matriċi unika ta' transizzjoni (jew aktar meta jkun hemm data rilevanti disponibbli) li hija speċifika għal debituri sovrani.

3. Meta inadempjenza tiġi mmudellata bħala stat li jassorbi, il-matriċijiet ta' transizzjoni għandhom jiġu aġġustati biex jiżguraw li dan l-istat li jassorbi ma jiġix f'kunflitt ma' estimi interni tal-PD. Bl-istess mod, il-matriċijiet ta' transizzjoni fejn 'NR' ('Mhux ikklassifikat') jew xi kolonna oħra tkun stat li jassorbi għal klassifikazzjonijiet irtirati jew esponimenti mhux ikklassifikati jistgħu jiġu aġġustati. Kwalunkwe aġġustament bħal dan għandu jiġu ddokumentat, u l-impatt tal-aġġustament speċifikat għandu jiġi inkluż bħala parti mid-dokumentazzjoni.

4. Il-matriciġiet ta' transizzjoni, inġenerali, jirrigwardaw orizzont ta' sena. Fejn ikunu meħtieġa matriciġiet ta' orizzont iqsar, li huwa l-każ meta jintużaw orizzonti ta' likwidità iqsar minn sena, il-matriciġiet ta' transizzjoni korrispondenti mhux dejjem ikunu jistgħu jiġu kkalkulati direttament u jkunu meħtieġa approssimazzjonijiet. Kemm l-approssimazzjonijiet kif ukoll il-motivazzjoni għal suppożizzjonijiet speċifiċi applikati f'dan il-proċess għandhom ikunu ddokumentati (eż. meta jintużaw matriciġiet ġeneraturi). Dawn is-suppożizzjonijiet għandhom jiġu evalwati ukoll sabiex jiġi vverifikat li maż-żmien jibqgħu validi. Bħala parti mill-proċess ta' validazzjoni matriċi bbażata fuq ġeneratur tista' tiġi kkalkulata għal orizzont identiku għall-orizzont tal-matriċi oriġinatriċi sabiex tiġi evalwata d-differenza li tirriżulta mill-proċess tal-iżvilupp tal-matriċi ġeneratur.

18. Livell kostanti ta' suppożizzjoni tar-riskju matul l-orizzont ta' kapital ta' sena

1. Meta jimmudellaw livell kostanti ta' riskju matul l-orizzont ta' kapital ta' sena, l-istituzzjonijiet għandhom jibbilanċjaw mill-ġdid jew jissostitwixxu pożizzjonijiet fl-aħħar ta' kull orizzont ta' likwidità b'pożizzjonijiet ġodda, sabiex jiżguraw l-istess livell inizjali ta' riskju bħal fil-bidu tal-orizzont ta' likwidità.

2. Meta jassumu pożizzjoni kostanti ta' sena, li timplika li ma jadottawx orizzonti ta' likwidità, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw b'mod konsistenti xokk istantanju matul l-orizzont ta' kapital ta' sena (imsejjaħ 'suppożizzjoni ta' pożizzjoni kostanti ta' sena') għall-pożizzjonijiet tal-IRC kollha.

3. Minn perspettiva ta' immudellar, il-livell kostanti ta' riskju jista' jkun rifless bħala s-sostituzzjoni ta' pożizzjonijiet, jekk tkun seħħet migrazzjoni jew inadempjenza matul l-orizzont ta' likwidità, b'pożizzjonijiet li jkollhom karatteristiċi ta' riskju ekwivalenti għal dawk tal-pożizzjonijiet oriġinali fil-bidu tal-orizzont ta' likwidità.

4. L-immudellar ta' livell kostanti ta' riskju matul l-orizzont ta' kapital ta' sena jista' jinkiseb, pereżempju, abbażi tal-approċċ deskritt hawn taħt. Fir-rigward tal-kalkolu ta' telf matul l-orizzonti ta' likwidità, l-istituzzjoni tista' tagħżel li tassumi li xokkijiet istantanji jiġu applikati għall-klassifikazzjonijiet (jew għall-firxiet). Dan jimplika li, f'dan il-każ, l-istituzzjoni ma jkollhiex għalfejn tintegra l-effett taż-żmien: il-pożizzjonijiet iżommu l-maturitajiet residwi oriġinali tagħhom fl-aħħar ta' kull orizzont ta' likwidità; fi kliem ieħor, ma jkun hemm l-ebda maturazzjoni ta' pożizzjonijiet. Barra minn hekk, ma jkun hemm l-ebda ħtieġa li jiġu kkunsidrati bidliet potenzjali fil-kundizzjonijiet tas-suq meta l-portafoll jiġi rievalwat waqt l-ibbilanċjar mill-ġdid (b'mod partikolari, firxiet tal-kreditu skont il-klassifikazzjoni jistgħu jinżammu kostanti). B'riżultat ta' dan, il-kejl ta' telf fl-IRC ma jqisx il-ħin ta' kull avveniment ta' migrazzjoni jew inadempjenza, u l-P&L jinħadem mil-lum.

5. L-immudellar tal-maturazzjoni tal-pożizzjonijiet m'għandux jiġi permiss fl-immudellar tal-IRC, minħabba l-isfidi enormi mistennija u d-diffikultajiet osservati assoċjati mal-immudellar tal-maturazzjoni tal-pożizzjonijiet, flimkien mal-arbitraġġ

regolatorju sostanzjali li dan jista' jikkawża. Dan jiġġustifika li, fl-istadju preżenti, approċċ konservattiv huwa ppreferut.

19. Hedging

1. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-IRC, l-istituzzjonijiet jistgħu jinnetjaw il-pożizzjonijiet twal u qosra biss meta jirreferu għal strumenti finanzjarji strettament identiċi.

2. L-effetti ta' diversifikazzjoni assoċjati ma' pożizzjonijiet twal u qosra jistgħu jiġu rikonnoxxuti biss permezz ta' immudellar espliċitu ta' pożizzjonijiet gross twal u qosra fl-istrumenti differenti. Fi kwalunkwe każ, l-istituzzjonijiet għandhom juru li l-effetti ta' diversifikazzjoni jew ta' hedging ma jkunux sopravvalutati; b'mod partikolari d-diskrepanzi ta' maturità għandhom ikunu riflessi fil-mudelli.

3. Sabiex ir-riskju bażi jiġi rifless b'mod adegwat, meta dan ir-riskju jkun materjali, l-evalwazzjoni għall-finijiet tal-IRC għal pożizzjonijiet relatati (bħal, pereżempju, bonds u CDSs fuq l-istess debitor) għandha tiġi ddifferenzjata. Għalhekk, pożizzjonijiet netti twal u netti qosra li jagħmlu referenza għal assi sottostanti simili – imma mhux identiċi – m'għandhomx jirriżultaw f'kejl tal-IRC ugwali għal żero. Fejn ir-riskju bażi ma jiġix ikkunsidrat, l-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu prova li dan ir-riskju mhuwiex materjali.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jirriflettu l-impatt fl-orizzont ta' likwidità ta' diskrepanzi ta' maturità bejn pożizzjonijiet twal u qosra (pereżempju jekk is-CDS timmatura qabel il-bond sottostanti u l-inadempjenza sseħħ wara l-maturità tas-CDS), jekk ir-riskji li jirriżultaw ikunu materjali. Għalhekk, l-istituzzjoni għandha tkun kapaċi tikkalkula l-P&L billi tikkunsidra l-impatt ta' diskrepanzi potenzjali ta' maturità bejn pożizzjonijiet twal u qosra. L-istituzzjoni għandha mill-inqas tkun kapaċi tipprova li r-riskju msemmi hawn fuq ma jkunx riskju materjali, inkella jkollha timmudella r-riskju kif meħtieġ.

D. Valutazzjoni tal-Qliġ u t-Telf (P&L)

20. L-Impatt tal-bidla fil-klassifikazzjoni fuq il-prezzijiet tas-suq

1. L-istituzzjonijiet jistgħu jagħżlu kwalunkwe wieħed mill-approċċi disponibbli sabiex jikkonvertu varjazzjonijiet simulati fil-klassifikazzjoni f'varjazzjonijiet ta' prezz, inkluż kemm bl-użu ta' differenzi assoluti kif ukoll relattivi bejn firxiet medji skont il-klassifikazzjoni. Il-metodoloġija użata għandha tiġi applikata u ddokumentata b'mod konsistenti. Fil-każijiet kollha, id-data tal-firxa rilevanti għandha tkun iddifferenzjata kemm jista' jkun skont id-diversi kategoriji ta' pożizzjonijiet. L-approċċ għandu jidher li jiddifferenzja b'mod suffiċjenti bejn pożizzjonijiet b'karatteristiċi differenti ta' ipprezzar għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti. Pereżempju, swap ta' inadempjenza ta' kreditu (CDS) u l-bond sottostanti għandhom jiġu vvalutati separatament.

2. Fir-rigward tal-punt 18 ta' dawn il-Linji Gwida, istituzzjoni tista' b'mod konsistenti tassumi bidla istantanja fil-klassifikazzjoni, li timplika li l-kundizzjonijiet tas-suq ta' dak il-ħin jiddeterminaw il-prezzijiet ta' wara l-migrazzjoni, filwaqt li tikkunsidra kwalunkwe impatt idjosinkratiku ta' valutazzjoni mistenni meta jseħħ avveniment ta' migrazzjoni (ara l-punt 20.5 hawn taħt), u tinjora l-effetti kollha ta' żmien fuq il-prezz ta' strument li l-klassifikazzjoni tiegħu tkun inbidlet.

3. Jekk simulazzjoni, eż. il-proċess tal-valur ta' assi, ma tkunx irriżultat f'bidla fil-klassifikazzjoni, l-ebda tibdil fil-valur m'għandu jiġi preżunt.

4. Fil-każ ta' migrazzjoni ta' klassifikazzjoni, il-varjazzjoni tal-prezzijiet tas-suq għandhom jiġu kkalkulati mill-ġdid. Rivalutazzjoni sħiħa għandha tkun meħtieġa sakemm istituzzjoni ma tkunx tista' tipprova li l-approċċ ta' ipprezzar tagħha jirrifletti b'mod suffiċjenti anki l-bidliet il-kbar fil-prezz li huma mistennija minn bidla fil-klassifikazzjoni. Dan jista' jsir bħala pre-kalkolu fis-sens li vettur ta' prezzijiet għal kull stat ta' klassifikazzjoni jista' jkun kontribut f'kalkolu tal-IRC. L-impatt ta' migrazzjoni tal-klassifikazzjoni fuq il-prezzijiet tas-suq għandu jiġi stmat jew bl-użu ta' data tas-suq attwalment osservata (eż. firxiet); jew medja ta' data storika tas-suq osservata fuq perjodu massimu ta' sena jew kwalunkwe perjodu rilevanti ieħor soġġett għall-approvazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti. Meta ssir valutazzjoni sħiħa mill-ġdid fuq bidla fil-klassifikazzjoni m'għandhomx jintużaw PDs storiċi għall-finijiet ta' skontar peress li ma jirriflettux biżżejjed il-prezzijiet attwali tas-suq.

5. Pożizzjonijiet li jemigraw fl-istat inadempjenti għandhom jiġi vvalutati abbażi tar-rata ta' rkupru jew tar-rata ta' telf fil-każ ta' inadempjenza. Ir-rata ta' rkupru għandha tiġi applikata għall-valur nozzjonali tal-pożizzjoni sakemm l-estimi ma jiġux ikkalkolati b'mod relattiv għall-valur tas-suq tal-pożizzjonijiet. Għandu jintwera għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti li l-istima tkun iddifferenzjata b'mod adegwat għal kategoriji differenti ta' debitori u ta' strumenti. Il-kalkoli għandhom ikunu koerenti bejn l-istrumenti. Kwalunkwe approċċ ieħor għandu jiġi ġġustifikat u ddokumentat kif suppost, partikolarment jekk jintużaw LGDs ta' suq ġeneriku, u l-istituzzjoni għandu jkollha proċess dokumentat stabbilit li jiddeskrivi fuq liema kriterji l-LGDs għal pożizzjonijiet individwali għandhom jiġu aġġustati.

6. Il-mudell għandu jkopri diverġenzi li jkunu ġejjin minn differenzi fid-definizzjoni ta' avvenimenti ta' kreditu, minn superjorità fl-istruttura ta' kapital jew minn esponiment għal entitatijiet differenti fi grupp. Dan jista', pereżempju, jiġi implimentat bl-użu ta' rati stokastiċi ta' rkupru. Bonds inadempjenti huma fil-prinċipju inklużi fil-portafoll tal-IRC jekk ikunu qegħdin fil-ktieb tal-kummerċ (cf. Paragrafu 4.5). Għalhekk, il-mudell għandu jkopri r-riskju li marki jew realizzazzjonijiet LGD ta' wara inadempjenza jistgħu jvarjaw mill-estimi tagħhom ta' qabel l-inadempjenza. L-LGD inizjali jew ir-rata ta' rkupru applikata għal pożizzjonijiet individwali inadempjenti jkollhom jiġu aġġornati bl-istess frekwenza għall-IRC bħall-kalkolu tal-P&L u l-LGDs għandhom ikunu konformi man-numri użati għall-kalkolu P&L.

21. Il-Komputazzjoni tal-Qliġ u t-Telf

Il-parametri ta' valutazzjoni għall-kategoriji kollha ta' klassifikazzjoni għandhom jiġu stmati b'mod metodoloġikament konsistenti. Peress li l-IRC huwa rekwiżit ta' kapital għar-riskji tas-suq, il-valutazzjoni ta' pożizzjonijiet taħt l-IRC għandhom jiġu bbażati fuq data tas-suq attwalment osservabbli. Id-data tas-suq użata biex jiġu vvalutati l-pożizzjonijiet li għalihom jiġu applikati x-xokkijiet iġġenerati mill-migrazzjoni ta' klassifikazzjoni għandha tkun id-data tas-suq l-aktar reċenti disponibbli fil-ħin tal-komputazzjoni tal-IRC.

E. Orizzont ta' likwidità

22. Il-livell li fih għandhom ikunu ddefiniti l-orizzonti ta' likwidità

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddefinixxu l-orizzonti ta' likwidità fuq livell ta' prodott aktar milli fuq livell ta' emittent. Għal pożizzjoni individwali l-orizzont ta' likwidità rilevanti jista' jvarja skont it-tip ta' prodott (inkluż il-kumplessità tiegħu), u l-emittent.

2. Madankollu, minħabba l-kwistjonijiet prattiċi ta' valutazzjoni kompletament granulari tal-orizzont ta' likwidità fuq livell ta' prodott, meta wieħed jikkunsidra l-firxa sinifikanti ta' prodotti miżmuma f'portafolli ta' kummerċ, l-orizzonti ta' likwidità jistgħu jiġu definiti inizjalment fuq bażi aggregata, pereżempju fuq il-livell tal-emittent.

3. L-istituzzjonijiet għandhom, madankollu, jissorveljaw u jiddokumentaw il-firxa ta' prodotti marbuta ma' kull emittent u jiżguraw li l-orizzont ta' likwidità definit fuq livell aggregat jkun adegwat anki għall-aktar prodott non-likwidu.

23. Kriterji ewlenin għad-determinazzjoni tal-orizzont rilevanti ta' likwidità

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddokumentaw il-kriterji użati fid-determinazzjoni tal-orizzont rilevanti ta' likwidità għal pożizzjoni jew għal sett ta' pożizzjonijiet. Il-metodoloġija biex daww il-kriterji jiġu kkonvertiti f'orizzont definit ta' likwidità għandha tiġi ukoll iddokumentata u applikata b'mod konsistenti għall-pożizzjonijiet kollha.

2. Firxa wiesgħa ta' kriterji jistgħu jindikaw il-likwidità ta' pożizzjoni, ibbażati fuq esperjenza preċedenti, l-istruttura tas-suq, u l-kwalità jew il-kumplessità tal-prodott. L-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw firxa ta' kriterji li jemmnu li jiddefinixxu b'mod materjali l-orizzont ta' likwidità tal-portafolli tagħhom. Dawn il-kriterji jinkludu:

- i. L-attività tas-suq, kif riflessa fl-għadd u l-volum ta' kummerċ fi strument jew f'isem, jew fid-daqs ta' firxiet storiċi bejn it-talba u l-offerta;
- ii. L-istruttura tas-suq, bħall-għadd u d-distribuzzjoni ta' ġeneraturi tas-suq u kwotazzjonijiet;

- iii. Id-daqs ta' pożizzjoni (relattiv għall-volumi medji ta' kummerċ/daqs globali tas-suq);
- iv. Il-kwalità tal-investment (eż. il-klassifikazzjoni tal-kreditu);
- v. Il-lok ġeografiku ta' emittent;
- vi. Il-maturità.

3. Tal-inqas wieħed mill-kriterji kkunsidrati fid-determinazzjoni ta' orizzont ta' likwidità għandu jkun direttament marbut man-natura kkonċentrata tal-pożizzjonijiet (pereżempju, permezz tad-daqs ta' pożizzjoni relativ għad-daqs tas-suq jew għal volumi medji ta' kummerċ), peress li l-orizzont ta' likwidità huwa mistenni li jkun akbar għal pożizzjonijiet li jkunu kkonċentrati, li jirrifletti l-perjodu itwal meħtieġ biex pożizzjonijiet bħal dawn jiġu llikwidati.

4. Il-pożizzjonijiet għandhom sistematikament jiġu vvalutati skont il-kriterji magħżula u allokati għal orizzonti ta' likwidità kif meħtieġ (b'minimu ta' 3 xhur). Fejn ikun hemm data limitata disponibbli dwar pożizzjoni jew dwar sett ta' pożizzjonijiet, l-istituzzjonijiet għandhom ikunu konservattivi fid-determinazzjoni tal-orizzont rilevanti ta' likwidità.

5. L-approċċ applikat biex wieħed jgħaqqad kriterju ma' orizzont itwal jew iqsar ta' likwidità għandu jiġi ddokumentat u appoġġjat permezz ta' evidenza storika inkluża evidenza bbażata fuq esperjenza ta' likwidazzjoni ta' pożizzjonijiet simili matul perjodi ta' stress, biex jiġi żgurat li s-suppożizzjonijiet li jidhru teoretikament loġiċi imma li mhumiex veri fil-prattika ma jintużawx bi żball fl-analiżi – pereżempju jista' ma jkunx minnu fil-każijiet kollha li klassifikazzjoni ta' kreditu aktar baxxa timplika orizzont ta' likwidità itwal jekk ikun hemm suq attiv f'ċerti tipi ta' pożizzjonijiet bi klassifikazzjonijiet baxxi ta' kreditu. Pereżempju, fil-każ tal-użu ta' firxiet storiċi bejn it-talba u l-offerta, l-istituzzjonijiet jistgħu jstabbilixxu limiti li jiddeterminaw f'liema orizzont ta' likwidità għandha tiġi allokata l-pożizzjoni- l-għażla ta' dawn il-limiti għandha tkun iġġustifikata.

24. Il-monitoraġġ tal-orizzonti ta' likwidità – indikaturi ewlenin tal-ħtieġa ta' reviżjoni

1. L-orizzonti ta' likwidità għandhom jiġu riveduti fuq bażi regolari biex jiġi żgurat li jibqgħu adattati, b'mod partikolari fir-rigward ta' avvenimenti jew ta' kwalunkwe indikatur sinifikanti li juri li l-kundizzjonijiet ta' likwidità jkunu nbidlu f'suq, li jirriflettu l-possibilità għall-likwidità tas-swieq li tinbidel malajr hekk kif il-parteċipanti tas-suq jidħlu u joħorġu mill-klassijiet ta' assi.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw bidliet sinifikanti fil-fatturi użati biex jiddeterminaw l-orizzont ta' likwidità bħala sett minimu ta' xkattaturi għar-reviżjoni tal-orizzont rilevanti ta' likwidità. Kwalunkwe esperjenza ta' bejgħ ta' pożizzjoni li tindika li orizzont ta' likwidità mhuwiex konservattiv biżżejjed għandha ukoll tiġi kkunsidrata minnufih fid-determinazzjoni tal-orizzont ta' likwidità għal prodotti simili

u l-proċeduri għall-allokazzjoni ta' pożizzjonijiet għal fatturi ta' likwidità għandhom imbagħad jiġu aġġornati kif suppost.

3. Maż-żmien l-istituzzjonijiet għandhom jissorveljaw u jtejbu l-firxa ta' fatturi użati sabiex jidentifikaw orizzonti ta' likwidità abbażi tal-esperjenza tas-suq tagħhom.

F. Kwistjonijiet ġenerali

25. Validazzjoni

1. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-prinċipji ta' validazzjoni fit-tfassil, l-ittestjar u l-manutenzjoni tal-mudelli IRC. Il-validazzjoni għandha tinkludi valutazzjoni ta' solidità kunċettwali, monitoraġġ kontinwu li jkopri l-verifika u l-valutazzjoni komparattiva tal-proċess, u analiżi tar-riżultati.

2. Il-proċess ta' validazzjoni tal-mudelli tal-IRC għandu tal-anqas jinkludi l-prinċipji li ġejjin:

- i. L-orizzonti ta' likwidità għandhom jirriflettu l-prattika u l-esperjenza attwali kemm matul il-perjodi ta' stress sistematiku kif ukoll idjosinkratiku;
- ii. Il-mudell tal-IRC għall-kejl ta' inadempjenza u r-riskju ta' migrazzjoni matul l-orizzont ta' likwidità għandu jikkunsidra data oġġettiva matul l-orizzont rilevanti u jinkludi paragun ta' estimi ta' riskju għal portafoll ibbilanċjat mill-ġdid ma' dak ta' portafoll b'pożizzjonijiet fissi;
- iii. Is-suppożizzjonijiet ta' korrelazzjoni fil-mudell tal-IRC, inkluża l-istruttura ta' dipendenzi stokastiċi u ta' korrelazzjonijiet/kopuli, kif ukoll l-għadd u l-piż ta' fatturi sistemiċi ta' riskju, għandhom jiġu appoġġjati mill-analiżi ta' data oġġettiva f'qafas kunċettwalment sod. B'mod partikolari, għandu jkun analizzat l-impatt ta' suppożizzjonijiet kopuli differenti, pereżempju bl-ittestjar tal-impatt ta' suppożizzjonijiet differenti ta' distribuzzjoni. L-imġiba ta' inadempjenza u ta' migrazzjoni prevista mill-mudell għandha tkun ivalidata skont l-esperjenza attwali ta' inadempjenza u ta' migrazzjoni tal-portafolli ta' dejn innegożjati.
- iv. Il-validazzjoni ta' mudell tal-IRC għandha tistrieħ fuq diversi testijiet ta' stress u analiżijiet ta' sensitività u ta' xenarju, sabiex tiġi evalwata r-raġonevolezza kwalitattiva u kwantitattiva tagħha, b'mod partikolari fir-rigward tat-trattament tal-konċentrazzjoni tal-mudell. Test bħal dan għandu jkopri kemm avvenimenti storiċi kif ukoll ipotetiċi;
- v. Il-validazzjoni għandha tkopri ukoll l-evalwazzjoni tal-kalibrizzjoni tal-parametri ta' riskju tal-PD u tal-LGD;
- vi. L-istituzzjoni għandha taħdem sabiex tiżviluppa parametri ta' referenza interni rilevanti ta' immudellar biex tevalwa l-eżattezza globali tal-mudelli tal-IRC tagħha;
- vii. Il-validazzjoni għandha tevalwa t-trasparenza u l-adeqwatezza tad-dokumentazzjoni tal-approċċ tal-immudellar tal-IRC.

26. Test tal-Użu

1. L-istituzzjoni għandha tiddokumenta kif il-proċess tal-IRC jiġi rrapportat internament, il-ġudizzji tal-kejl tar-riskju li jirriżultaw u r-rwol li għandhom dawn il-ġudizzji fil-ġestjoni (tar-riskju) tal-istituzzjoni.
2. Il-proċeduri li, minħabba l-ġudizzju tal-IRC, jwasslu għal azzjoni korrettiva potenzjali xierqa għandhom ikunu fis-seħħ u integrati sew fil-ġestjoni tar-riskju.
3. It-tqabbil tal-modi kif ir-riżultati tal-mudelli tar-riskju tas-suq intern jiġu rrapportati, iġġudikati, ivverifikati u użati internament minn dipartimenti speċifiċi fl-istituzzjoni huwa kkunsidrat bħala mod utli kif jiġi ċċarat it-test tal-użu.

27. Dokumentazzjoni

1. L-istituzzjoni għandha tiddokumenta l-approċċ tagħha biex tkopri l-inadempjenza inkriminali u r-riskji ta' migrazzjoni sabiex il-korrelazzjoni tagħha u suppożizzjonijiet oħrajn ta' immudellar ikunu trasparenti għall-awtoritajiet kompetenti.
2. Għalhekk, il-kalkolu tal-kejl tar-riskju ġġenerat mill-mudell u l-flussi assoċjati ta' data għandhom ikunu ddokumentati f'livell ta' dettall li jkun jippermetti lil parti terza li tirreplika dan il-kejl tar-riskju. Barra minn hekk, l-istituzzjoni għandha tiddokumenta l-proċess għal validazzjoni inizjali u kontinwa tal-mudell tal-IRC f'livell ta' dettall li jkun jippermetti lil parti terza li tirreplika l-analiżi. Din id-dokumentazzjoni għandha tinkludi ukoll deskrizzjoni tal-proċessi kontinwi tal-manutenzjoni tal-mudell kif użata matul l-assenjazzjoni inizjali u l-aġġornament tal-parametri tar-riżultati tal-mudell.

28. Approċċi tal-IRC ibbażati fuq parametri differenti

1. Istituzzjoni tista' tuża approċċ sabiex tkopri inadempjenza inkriminali u r-riskju ta' migrazzjoni li ma jkunx konformi mad-dispożizzjonijiet kollha tal-Anness II Paragrafu 3 għad-Direttiva 2010/76/UE (magħruf bħala 'approċċ tal-IRC li mhux kompletament konformi' fil-bqija ta' din is-sezzjoni):
 - i. meta dan l-approċċ tal-IRC li mhux kompletament konformi jkun konsistenti mal-metodoloġiji interni tal-istituzzjoni għall-identifikar, il-kejl u l-ġestjoni tar-riskji;
 - ii. u meta l-istituzzjoni tkun kapaċi turi li l-approċċ tagħha jirriżulta f'rekwiżit kapitali li jkun tal-anqas daqstant għoli daqs li kieku kien ibbażat fuq approċċ għal kollox konformi mar-rekwiżiti kollha tal-IRC.
2. L-istituzzjoni għandha tipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa rigward elementi tal-approċċ tal-IRC tal-istituzzjoni li jkun kunsidrati mhux kompletament konformi, kemm mill-istituzzjoni kif ukoll mill-kontrollur tagħha.

3. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta, il-kontrollur nazzjonali kompetenti għandu jiddeċiedi jekk l-approċċ tal-IRC użat – jew li huwa maħsub li jintuża – mill-istituzzjoni għandux jiġi kkunsidrat bħala approċċ tal-IRC mhux konformi jew jekk jistax jiġi kkunsidrat bħala approċċ tal-IRC mhux kompetent konformi skont il-punt 28.4 hawn taħt. B'mod partikolari, jekk approċċ tal-IRC jiġi rikonoxxut bħala approċċ tal-IRC mhux konformi, dan fil-prinċipju jkun jimplika l-applikazzjoni tal-approċċ standardizzat għal riskju speċifiku għall-pożizzjonijiet koperti mill-approċċ tal-IRC li mhux konformi.

4. Sabiex l-approċċ tagħha jiġi rikonoxxut bħala approċċ tal-IRC li mhuwiex kompletament konformi, istituzzjoni għandha turi, għas-sodisfazzjon tal-kontrollur tagħha, li l-approċċ tal-IRC tal-istituzzjoni jirriżulta f'rekwiżit ta' kapital li huwa tal-anqas daqstant għoli daqs li kieku kien ibbażat fuq approċċ tal-IRC kompletament konformi.

5. Id-deċiżjoni ta' rikonoxximent tal-approċċ tal-istituzzjoni bħala approċċ mhux kompletament konformi tittieħed mill-awtoritajiet kompetenti.

29. Frekwenza tal-kalkolu

1. Il-kalkolu tal-IRC għandu jsir tal-anqas darba fil-ġimgħa. Madankollu, l-istituzzjonijiet jistgħu jgħażlu li jikkalkulaw il-kejl aktar spiss. Jekk, pereżempju, istituzzjoni tiddeċiedi fuq komputazzjoni tal-IRC ta' darba fil-ġimgħa, dawn li ġejjin għandhom japplikaw għall-kalkolu ta' kuljum tar-rekwiżiti kapitali bbażati fuq mudelli interni:

- i. L-istess numru tal-IRC għandu jintuża għal ħames ġranet sussegwenti ta' xogħol wara t-tħaddim tal-mudell tal-IRC;
- ii. Fir-rigward tal-kalkolu tan-numri medji tal-IRC fuq it-12-il ġimgħa preċedenti, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw in-numri tal-IRC ta' kull ġimgħa tat-tnax il-ġimgħa preċedenti biex jikkalkulaw dik il-medja.

2. L-istituzzjoni għandha tkun kapaċi tipprova li, fil-ġurnata tal-ġimgħa magħżula għall-kalkolu tal-IRC, il-portafoll tagħha jkun jirrappreżenta l-portafoll miżmum matul il-ġimgħa u li l-portafoll magħżul ma jwassalx għal sottovalutazzjoni sistematika tan-numri tal-IRC meta kkalkolati fil-ġimgħa.

Titolu III – Dispożizzjonijiet Finali u Implimentazzjoni

30. Data tal-applikazzjoni

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jimplimentaw dawn il-Linji Gwida billi jinkorporawhom fil-proċeduri ta' sorveljanza tagħhom fi żmien sitt xhur wara l-pubblikazzjoni tal-linji gwida finali. Wara dan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet jikkonformaw magħhom b'mod effettiv.

